# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju, 2016**

**Talba Nru: 68/2016/VG**

**Vodafone Malta Limited [C-10865]**

**Vs**

**Alexandra Veronika BRIFFA [K.I. 571193M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-25 ta' Frar, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf seba' mija u ghaxar euro u erbgha u disghin centezmi ta' euro [€1,710.94c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "L-intimata ghanda tigi kkundannata thallas l-ammont ta' elf u seba' mija u ghaxar Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1,710.94) in kwantu ghal: erba' mija u tmienja u tletin Ewro u disgha u disghin centezmu (€438.99) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Voda Red Basic Con-World' referibbli

> ghall-kont bin-numru 1.11001616; hames mija u sebgha u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€597.16) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Voda Red Basic Con-Tyhta' referribli ghall-kont bin-numru 1.11000937; u sitt mija u erbgha u sebghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€674.79) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata abbazi tat-tariffa 'Voda Red Basic Con-World' riferribli ghall-kont bin-numru 1.11002499.
>
> Illi minkejja li l-intimata giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hija baqghet inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.
>
> Illi anness ma din it-talba qieghed jigi prezentat affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta attrici li bil-gurament tieghu jikkonferma li l-ammont hawn reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu (Dok. VF 1).
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-intimata illi hi, minn issa, ingunta ghas-subizzjoni taghha".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fit-3 ta' Marzu, 2016 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra l-affidavit ta' l-Avukat Jeremy Debono (fol. 2) li kkonferma li l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri huwa dovut mill-intimata u dan skont ir-rendikonti annessi ma l-istess affidavit.

Ra d-dikjarazzjoni maghmula mill-Avukat Joseph Grech fis-seduta tal-lum li ddikjara li mis-26 ta' Frar, 2016 sallum ma thallas xejn mill-ammont dovut.

Ra li Dr. Joseph Grech fis-seduta tal-lum ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf seba' mija u ghaxar euro u erbgha u disghin centezmi ta' euro [€1,710.94c], liema ammont huwa dovut inkwantu ghal:

   a) erba' mija u tmienja u tletin Ewro u disgha u disghin centezmu (€438.99) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Voda Red Basic Con-World' referibbli ghall-kont bin-numru 1.11001616;

   b) hames mija u sebgha u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€597.16) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat abbazi tat-tariffa 'Voda Red Basic Con-Tyhta' referribli ghall-kont bin-numru 1.11000937; u

   c) sitt mija u erbgha u sebghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€674.79) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti ghas-

servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata abbazi tat-tariffa 'Voda Red Basic Con-World' riferribli ghall-kont bin-numru 1.11002499;

Ikkunsidra;

2. Dr. Jeremy Debono ikkonferma fl-affidavit imressaq mat-Talba odjerna li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

3. Ra d-dikjarazzjoni maghmula mill-Avukat Joseph Grech fis-seduta tal-lum li ddikjara li mis-26 ta' Frar, 2016 sallum ma thallas xejn mill-ammont dovut.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata fit-3 ta’ Marzu, 2016 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

8. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf seba’ mija u ghaxar euro u erbgha u disghin centezmi ta’ euro [€1,710.94c] bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**

**Deputat Registratur**